MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-29 ta' Awwissu, 2013

Numru 842/2013

**ILLUM 29 ta' Awwissu 2013**

Il-Pulizija
(Spettur Geoffrey Azzopardi)
(Spettur Robert Vella)
vs
Joseph Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' l-identita bin-numru 288070 (M)

Akkuzat talli b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'resoluzzjoni wahda u cioe:

1. Fit-23 ta' Awwissu 2013 u fix-xhur ta' qabel din id-data laqa' ghandhom hwejjeg u cioe' diversi prodotti tal-

merca, misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li tkun, indahal biex ibieghhhom jew imexxihom.

Semghet lill-imputat f'din l-ewwel udjenza jirregistra ammissjoni f'liema insista anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, tiddikjarah u ssibu hati tal-imputazzjoni maghmula kontra tieghu.

Tali tiratta r-ricettazzjoni.

Rat l-Artikolu 334(a) tal-Kap 9.

Tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal tmintax-il xahar millum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbiltajiet tieghu skont is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------